**22 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Salvatore Bezzina pr. et ne.

*versus*

Anthony Falzon ne.

**Mandat ta' Inibizzjoni.**

*Billi l-mandat ta' inibizzjoni jinħareġ għall-iskop imsemmi fil-liġi, u biss meta l-Qorti tkun soddisfatta li l-istess ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet ta' min jitlob l-ispedizzjoni tiegħu, jeħtieġ, biex il-Qorti tordna l-ħruġ ta' dak il-mandat, li jkun jidher li min jitolbu jkollu "prima facie" il-jeddijiet li għandhom jitħarsu b'dak il-mandat.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors;

*Omissis;*

Billi l-mandat ta' inibizzjoni jinħareġ għall-iskop imsemmi fill-liġi, u biss meta l-Qorti tkun soddisfatta li l-istess ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u "prima facie" jkun jidher li r-rikorrent għandu dawn il-jeddijiet;

Billi "prima facie" ma jidherx li r-rikorrenti għandhom jeddijiet versu l-intimat x'jitħarsu bil-ħruġ tal-mandat mitlub minnhom;

Tirrespinġi t-talba tar-rikorrent; bl-ispejjeż kontra tagħhom.